# Il-Kwadri Titulari

## tal-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u Għawdex

*Kitba ta' Joseph Grech*

**Nota ta' l-Editur:** Fil-bidu tal-Knisja t-tilwima bejn min ried idaħħal fil-knejjes xbihat ta' qaddisin bħal statwi jew pittura u min ried jibqa' miexi fuq il-projbizzjonijiet tat-Testment il-Qadim kienet qalila ħafna. Hekk per eżempju fis-Sinodu ta' Elvira fi Spanja, lejn is-sena 306, ħarġet dikjarazzjoni ħarxa ħafna: "Ma ghandna naraw ebda pittura fil-knejjes. Lil dak li aħna nqimuh u nadurawh m'għandniex inpittruh mal-ħitan." Dawn il-persekuzzjonijiet lejn ix-xbihat tant żdiedu u ħraxu li lejn is-snin 750 kienet saret ħsara bla qies fil-knejjes insara għax il-qima lejn ix-xbihat kienet meqjusa bħala opra tax-xitan.

Kellha tkun mara, l-Imperatriċi Teodora li fis-sena 843 f'sinodu f'Kostantinopli tat l-appoġġ qawwi lill-Patrijarka Metodju biex inħarġet dikjarazzjoni ċara favur il-qima lejn xbihat qaddisa fil-knejjes insara. Hekk maż-żmien tan-nofs kull problema jekk kellhomx ipittru xbihat jew jitnaqqxu statwi kienet għebet.

F'dan l-istudju li qed nirrapreżentaw is-Sur Joseph Grech jitfa' ħarstu fuq il-kwadri titulari ta' Malta u Għawdex. Dan hu xogħol twil u estensiv u għalhekk għal raġunijiet ta' spazju se jkollna naqsmuh f'żewġ partijiet. Din hi l-ewwel parti. Nissoktaw bit-Tieni Parti fil-ktieb tar-Rużarju – l-ewwel Ħadd ta' Ottubru. L-Editur.

### Mellieħa, Qormi, u Mdina: Ħjiel ta' Titulari Qodma

Inħallu fil-ġenb l-arkitetti u l-iskulturi. Nitfgħu ħarsitna fuq il-pittura. Mis-seklu tlettax 'il quddiem, il-pitturi saru u baqgħu l-ammirazzjoni tad-dinja. Giotto, dixxiplu ta' Cimabue, Duccio, Simon Martini, u Lorenzetti ma humiex ħlief ftit minn dawk li, fis-seklu erbatax, dehru maħkumin minn ideal ta' sbuħija sopranaturali, imma wkoll b'sens ta' libertà fl-esekuzzjoni ta' l-opri.

Minn ta' dan iż-żmien, ma għandna xejn fil-gżira tagħna ħlief l-*affresk tal-Madonna tal-Mellieħa*. Mill-istil jidher li l-Madonna bil-Bambin huma ta' tmiem is-seklu tlettax jew il-bidu ta' l-erbatax.

Fis-seklu ħmistax, fl-Italja jiddominaw pitturi kbar bħal Masaccio, Leonardo da Vinci, Michealangelo, u Raffaello. F'Malta, li ma kienx fiha ħlief ftit eluf ta' nies, tpittret xi Madonna oħra li ħasbuha ta' San Luqa, bħalma hi dik tal-*Katidral ta' Malta*, impittra fuq il-għuda bi stil sostanzjalment Biżantin b'influss ta' l-arti tat-Toskana jew ta' l-Umbria fl-Italja. Din tista' tkun tal-bidu tas-seklu ħmistax.

Kwadri titulari ta' dak iż-żmien m'għandniex fil-parroċċi tagħna. Madankollu, nistgħu nqiegħdu fosthom l-affresk tal-Madonna tal-Mellieħa. Fil-fatt, fis-seklu ħmistax, il-Mellieħa kienet parroċċa, u l-affresk tas-santwarju kien it-titular ta' dik il-parroċċa. Imma l-Mellieħa ma damitx ma bdiet iġarrab ħafna problemi, minħabba l-biża' ta' attakki mill-furbani.

Parroċċi oħra ta' qabel l-1436 hi dik ta' *San Ġorġ ta' Ħal Qormi*. Fl-ewwel żmien tagħha, kien hemm kwadru li juri fih lil San Ġorġ, il-patrun tal-parroċċa. Fih jinħassu l-linji ta' l-arti

Biżantina ta' l-Italja u sinjali ta' Gotiku tardiv. Ma hux il-kwadru waħdieni tal-qaddis patrun. Xi ieħor tal-qaddis f'taqbida mad-dragun ħalli jeħles prinċipessa jinstab fil-mużew tal-parroċċa.

Wieħed minn dawn iż-żewġ kwadri probabilment kien dak titulari ta' l-ewwel knisja parrokkjali li, billi kienet ċkejkna, ma damitx ma kellha bdil sostanzjali fl-istruttura tagħha lejn l-1456.

Il-katidral fl-*Imdina*, il-knisja ewlenija ta' Malta, kellu hu wkoll kwadru ta' lejn tmiem is-seklu erbatax. Kien juri fih lil *San Pawl*, il-qaddis patrun. Hu kwadru li kien fil-katidral il-qadim li ġġarraf bit-terremot ta' l-1693. Għandu mnejn hu kwadru tal-bottega tal-pittur Luis Borussa (1360-1426). Juri lil San Pawl fiċ-ċentru tiegħu. Imma, mad-dawra kollha min barra figura tal-Madonna biċ-ċkejken Ġesù, insibu għadd ta' xeni mill-ħajja ta' San Pawl, u fosthom anki l-miraklu tal-lifgħa. Dan ukoll hu indikazzjoni oħra ta' kwadru titulari li kien hawn f'parroċċa tal-bidu. Għadu jista' jitgawda fil-mużew tal-katidral.

## Tas-Seklu Tnax: L-Eqdem f'Parroċċa tal-Lum

L-eqdem kwadru titulari li għadna narawh fi knisja parrokkjali tagħna hu dak tal-*Madonna ta' Damasku*. Hu għadu t-titular tal-parroċċa kattolika ta' rit grieg tal-Belt *Valletta*. Il-kwadru juri l-Madonna bil-Bambin. Hi ikona li tpittret f'Damasku fis-Sirja fis-seklu ħdax. Għalhekk, insejħulha *Ta' Damasku jew Damaxxena*. Minn hemm ittieħdet f'Rodi. Il-Kavallieri ġarrewha magħhom minn Rodi meta kellhom iħallu fl-1523, u fl-1530 ġibuha f'Malta. Hi ta' livell artistiku għoli ħafna.



*Ikona antika tal-Madonna ta' Damasku, miġjuba Malta minn Rodi mill-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 u meqjuma fil-Knisja Griega ġewwa l-belt Valletta*

Reċentement, il-kwadru ġie restawrat. Wara r-restawr, il-kuluri ħarġu ħajjin ħafna. F'għeluq l-1500 sena mill-konċilju ta' Efesu, li kien ġie ċċelebrat fis-sena 431, meta Marija ġiet magħrufa bħala omm Alla, il-kwadru ġie inkurunat solennement. Għalhekk, dan kien fl-1931. Ta' sikwit ninsew li din tal-Grieg hi knisja parrokkjali, għalkemm għall-kattoliċi ta' rit grieg. Għalhekk, kemm-il darba ġara li tagħrif dwar dan il-kwadru artistiku ma jingħatax meta jinkiteb fuq il-knejjes parrokkjali.

## Fis-Seklu Sittax: Żewġ Kwadri Titulari

Is-seklu sittax jerġa' jeħodna fil-kapitali tagħna. Aktarx li *Matteo Perez d'Aleccio* (1547-1616) sab ruħu f'Malta għax ried jiżgiċċa minn xi biċċa inkwiet li kien daħal fiha f'Ruma. L-Isqof Tommaso Gargallo, fl-1579, għafas ma' Perez d'Aleccio biex dan ipitter il-kwadru titulari ta' waħda mill-aqwa knejjes parrokkjali ta' Malta, li hi dik ta' *San Pawl tal-Belt*: l-ewwel parroċċa tal-kapitali l-ġdida. L-isqof riedha lesta sa l-Għid ta' l-1580.

Dan l-artist pitter kwadru għażiż għall-Maltin għax fih wera l-miġja ta' San Pawl fostna, il-laqgħa tajba li għamlulu l-Maltin, u l-miraklu tal-lifgħa. Hadd ma pitter dik ix-xena tal-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta mingħajr ma kkopja xi ħaġa minn fuq din. Fiha, jidher għarkubbtejh Gargallo: isqof qalil għas-severità tiegħu.



*San Pawl – Il-belt Valletta*

Għal ħafna żmien, ħasbu li l-kwadru hu tal-pittur Filippo Paladini. Mill-knisja l-qadima, il-kwadru għadda għall-ġdida, imma kellu jiċċekken fil-ġnub. Fl-1959, Oscar Testa rrestawrah.

Għall-*Belt* ukoll sar kwadru titulari ieħor fl-istess żmien. Ftit wara żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, tpitter kwadru li juri fih lill-Madonna bil-Bambin, imdawra minn għadd ta' anġli. Fuq naħa tqiegħed San Duminku u, fuq in-naħa l-oħra, san Tumas d'Aquino u l-Kavallier Vincenzo Caraffa d'Aquino. Ma nafux b'ċertezza min pittru, għalkemm jidher li hu xogħol Taljan li sar lejn l-1583. Il-Kavallier Caraffa rregalah lill-parroċċa dumnikana ta' Santa Marija tal-Portu Salvu. Baqa' t-titular ta' dik il-parroċċa sa l-1843. Imbagħad, intelaq, imma nxtara minn Sir Ferdinando Inglott, benemeritu għall-opri karitattivi f'Malta. Inglott offrieh lill-knisja parrokkjali ta' *Stella Maris f'Tas-Sliema*. B'hekk, parroċċa relattivament reċenti (għax hi tas-sena 1878) tifraħ li għandna wieħed mill-eqdem kwadri titulari ta' Malta.

Kwadri titulari oħrajn tas-seklu sittax ma għandniex.

## Is-Seklu Sbatax: Żmien Preti, Buhagiar, u Erardi

Is-seklu sbatax hu wieħed glorjuż għal Malta. Ma ħarġux kwadri titulari minn idejn l-aqwa pittur li kien Michelangelo Merisi da Caravaggio. Imma nbaxxu rasna quddiem x'uħud li, fit-tieni nofs tas-seklu sbatax, żejnu l-knejjes parrokkjali tagħna.

L-ewwel fl-ordni kronoloġiku hu l-Kavallier Franċiż *Luca Garnier*. Dan, lejn nofs is-seklu sbatax, pitter il-kwadru titulari ta' *Ħaż-Żebbuġ* li juri fih lil *San Filep* ikeċċi x-xitan minn żagħżugħ invażat.

Lejn l-istess żmien, naraw lil *Baskal Buhagiar* (1648 - wara 1698). Dan kien skultur fil-ġebel, imma pittur ukoll. Ismu jintrabat l-iżjed ma' żewġ kwadri ta' *l-Assunta*. Wieħed sar għall-parroċċa ta' *Ħ'Attard* lejn 1678. Kwadru tiegħu iżjed magħruf hu dak li hu, fl-1678, pitter għall-Mosta. Il-Madonna tiddomina weħidha, waqt li qed jintrefa' minn sitt puttini fi sfond imdawwal, qalb sħabu u anġli. Id-dirgħajn miftuħa juruha tiela' biex tinqala' minn Binha Ġesù. Il-pittur kien ispirat minn Guido Reni (1575-1642). Ġużeppi Hyzler irrestawrah fl-1827 u żied fih xi dettalji. Il-kwadru għadda mill-ewwel knisja parrokkjali għar-rotunda. Għalhekk, fl-1860, tkabbar minn Salvu Barbara. Qabel ma ġie solennement inkurunat fl-1975, reġa' ġie restawrat minn Maurice Cordina.

Qegħdin fl-istess seklu meta niltaqgħu mal-pitturi tal-familja *Erardi*. Tnejn minnhom, *Stefano u Alessio* tawna kwadri titulari waqt li *Pietro* (li kien kanonku tal-Grotta tar-Rabat), li kien inferjuri għat-tnejn l-oħra, irrestawra xi kwadri, li dwar x'uħud ngħidu li kien ikun aħjar li kieku ma misshomx. *Stefano* biss jista' jitqies tas-seklu sbatax (1630-1716). L-aqwa opra tiegħu li dik li għamel għall-parroċċa ta' *San Pawl tar-Rabat*. Imma l-ispirazzjoni ħadha, minn dik tal-Belt, għalkemm lill-persunaġġi għamilhom ħafna iżjed ħajjin.

Kwadru ieħor ta' *San Pawl* hu dak ta' *Ħal Safi*. Juri l-konversjoni tiegħu. Stefano Erardi pittru lejn 1693. Għandu mnejn ħareġ hu wkoll minn idejn Stefano dak li tpitter għal ta'

*Sannat* f'Għawdex lejn l-1675. Jekk jixxebbaħ ma' oħrajn ta'l-istess pittur, lil dan narawh ħafna iżjed sempliċi. *Santa Margerita* hi l-figura waħdanija; imma magħa hemm ħafna dettalji ċkejknin oħrajn. Fost il-kwadri titulari ta' Għawdex, dan hu l-eqdem wieħed.



*Santa Katerina – Żurrieq*

Figura ġgantija tul is-seklu sbatax hi dik ta' *Mattia Preti* (1613-1699). Tant kien popolari b'mod li m'humiex ftit il-kwadri li dehru f'ismu, imma m'humiex ftit il-kwadri li dehru f'ismu, imma ma humiex ħlief tal-bottega tiegħu jew sempliċement xi kopja tajba ta' pittura tiegħu. Dan il-kavallier Kalabriż kien wieħed mill-aqwa artisti tan-naħa ta' isfel ta' l-Italja. Ġiet Malta bis-saħħa ta' l-Ordni ta' San Ġwann għax kien kavallier. Bil-preżenza tiegħu gawdew ħafna anki l-knejjes tagħna. Hu stkenn fiż-*Żurrieq* fil-pesta l-kbira ta' l-1676. Ftit wara, qabel l-1679, għall-knisja parrokkjali, pitter il-kwadru titulari tal-martirju ta' *Santa Katarina.*

Għall-irħula qrib iż-Żurrieq, bħalma huma s-Siġġiewi u Ħal Luqa, Preti pitter kwadri oħrajn. Għas-*Siġġiewi*, hu pitter lil San Nikola f'wieħed mill-mirakli leġġendarji tiegħu li ma jidhrux fl-istorja ġenwina tal-qaddis. F'dak ta' *Ħal Luqa*, b'mod ħaj, il-pittur juri l-martirju ta' *Sant'Andrija*, skond kif twassalhulna t-tradizzjoni. Fl-1678, il-gvernatur ta' Għawdex, Don Francesco De Cordova, ikkummissjona lil Preti kwadru titulari għall-knisja parrokkjali ta' *San Ġorġ tar-Rabat*. Il-qaddis jidher rebbieħ fuq id-dragun.

Anki jekk Preti telaq kollox f'idejn l-allievi tal-bottega tiegħu, il-kwadru hu wieħed tajjeb għalkemm ma jilħaqx il-livell għoli ta' dawk li l-artist pittirhom meta kien fl-aqwa tiegħu. Ftit wara, lejn l-1682, Preti pitter il-konversjoni ta' *San Pawl* għall-*knisja katidrali* ta' Malta li hi fl-*Imdina*. Żgur li ma setgħux ikunu ta' l-istess livell ta' oħrajn dawk il-kwadri titulari li Preti pittirhom meta kien qrib it-tmenin sena.

Nafu li kien beda jbati bir-rogħda, u għalhekk idejh ma kinux sodi biżżejjed. F'dak iż-żmien, il-bottega tiegħu tatu daqqa ta' id sewwa. Ta' xi 76 sena, fl-1689, hu pitter għall-*Birgu*, l-akbar kwadru titulari, li hu dak tal-martirju ta' *San Lawrenz*. Proprju lejn l-aħħar żmien ta' ħajtu, meta kien qabeż il-85 sena, Preti pitter il-kwadru tas-*Salvatur* għal *Ħal Lija*. Mill-knisja l-qadima, il-kwadru biż-żmien għadda għall-ġdid. Imma tiddiżappuntana l-pittura ta' *San Ġorġ* li Preti pitter għal *Ħal Qormi*.

Fl-istess ħin, din turina li Preti baqa' jaħdem sa l-aħħar. Minkejja dan, ma kienx għadu iżjed dak li kien meta kien igawdi saħħtu. Ma kinux ftit dawk li ħasbu li l-kwadru msemmi ta' Ħal Qormi ma ħariġx minn idejn Preti. Ta' min josserva li Cianferlì, ilsir tal-pittur, kemm-il darba ppożalu bħala xi manigold.

L-istil ta' Preti imma wkoll ta' Francesco Zahra jinħass fil-kwadru titulari tan-Naxxar imma l-kwadru hu ta' xi s-sena 1740. Juri fih it-*twelid ta' Marija*. Pittura ta' Preti tal-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt, turi l-appostli *San Pietru u San Pawl* qed jittieħdu għall-martirju. Kopja tagħha saret minn xi ħadd li jinqala' għan-*Nadur* f'Għawdex. Żgur li kienet f'postha sa l-1712. Kopja oħra ta' pittura ta' Preti hi *Santa Katarina taż-Żejtun*.

## Is-Seklu Tmintax: Żmien Zahra, Favray, u Busuttil

Ħarsitna tibqa' mitfugħa fuq il-kwadri titulari biss. Il-magħruf Stefano Erardi kien għadu ħaj sa l-1716. Imma, fis-seklu tmintax, minn tal-familja Erardi m'għandniex ħlief kwadru titulari wieħed. Hu dak li sar għal *Ħaż-Żabbar* minn *Alessio Erardi* (c. 1671-1727). Alessio kien iben Stefano.



*Il-Madonna Tal-Grazzja – Żabbar*

Hu ma ġiex apprezzat għax rawh jimita wisq l-istil ta' missieru. Il-kwadru titulari tal-*Madonna tal-Grazzja* aktarx li kien ġie kummissjonat lil Stefano. Imma tpitter minn Alessio, għalkemm ħafna, għal żmien twil, baqgħu jaħsbu li hu ta' Stefano. Hu kwadru tal-Madonna meqjum ħafna. Għalhekk, fl-1951, ġie inkururnat solennement mill-Arċisqof Gonzi, bħala delegat tal-Vatikan.

Fl-1726, iż-Żebbuġin *Ġann-Nikol Buhagiar* (1698-1752) pitter il-kwadru titulari ta' l-*Għarb* f'Għawdex. Juri fih il-*Viżitazzjoni ta' Marija*. Għalkemm Buhagiar għandu opri tajbin ħafna, il-kwadru ta' l-Għarb mhux fost l-aħjar li għandu. Lil dan ġieli sejħulu "patri", imma kien miżżewweġ.

L-aqwa pittur tas-seklu tmintax, u wieħed mill-aqwa ta' kull żmien, hu *Francesco Zahra* (1710-1773), Senglean iben Pietro Zahra (1685-1747), skultur magħruf fil-ġebla. Żewġ parroċċi jiftaħru bil-kwadri titulari mpitter minnu. L-ewwel ma pitter kien dak ta' l-*Assunta* għal *Ħal Għaxaq* fl-1745. Iżjed tard, fil-1763, Zahra pitter għal *Birkirkara* lil *Sant'Elena*, waqt li nstab salib ta' Kristu. Abbozz tiegħu narawh fil-mużew tal-Katidral ta' Malta.

Fi żmien Zahra, għex fin-Nadur qassis Malti li kien *Dun Karlu Zimech*. Kien hawn min ħalltu ma' Karlu Gimach. Kien pittur medjokri u arkajku għal żmienu. Imma f'Għawdex fl-1744 tqabbad ipitter il-kwadru titulari tax-*Xagħra* li juri t-twelid ta' Marija.

Qassis Malti ieħor, *Dun Franġisk De Dominicis*, pitter għaż-*Żebbuġ* ta' Għawdex il-kwadru titulari li juri l-*Inkoronazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Qaddisa*. B'digriet ta' l-Isqof Cauchi ta' Għawdex, il-kwadru fl-1980 ġie inkurunat.

Pittur tajjeb tul is-seklu tmintax kien *Antoine de Favray* (1706-1798). Imma kwadri titulari tiegħu ma għandniex. Kien beda dak ta' *San Publju* tal-*Furjana*. Imma l-kwadru tkompla u tlesta fl-1773 minn *Filippo-Vincenzo Pace,* pittur mhux magħruf. Madankollu, dan hu kwadru artistiku li jolqot lil għajn. Għal ħafna żmien żammewh bħala ta' Favray.

Lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, kien hemm il-pittur *Mikiel Busuttil* (1762-1831). Dan iż-Żejtuni ma kienx pittur kbir, imma għandu opri tajbin. Kien professur fl-iskola ta' l-art, il-Belt. Żgur li l-aħjar fost l-opri tiegħu hu l-kwadru titulari ta' l-*Assunta* li, fl-1791, pitter għall-*Katidral ta' Għawdex*.

Dan hu kwadru li, fl-1975, ġie inkurunat mill-Kardinal Francesco Seper. Iżjed tard, fl-1820, u għalhekk fis-seklu dsatax, Busuttil pitter għal *Għajnsielem* il-kwadru titulari tal-*Madonna b'rabta mad-Dar tagħha li ġiet trasportata lejn Loretu fl-Italja.* Meta nbniet knisja ġdida, il-kwadru tħalla fil-qadima.